**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Elton Taliana)**

**vs**

**Samah Yousef Hassan**
**Eyman Abulas Mohammed**

**Illum, 25 ta' Marzu, 2016**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra;

**Samah Yousef Hassan** numru tal-Pulizija 14E205;

u

**Eyman Abulas Mohammed** numru tal-Pulizija 14E20;

Akkuzati talli nhar it-23 ta' Marzu 2016 ghall-habta ta' 15.15hrs f'Pembroke;

1. Bil-hsieb li jikkomettu delitt ta' **serq** aggravat bil-'valur' li jkun izjed min elfejn  tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329,37), bil-'lok', u bil-'mezz', urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta taghhom, u dan ghad-dannu tal- familja Cassar *(Art. 41 (1) (a), Art. 261, 263, 267 u 269 Kapitolu 9 ta' Ligijiet ta' Malta)*;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hasru, jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamlu hsara fir residenza 231, Octagon, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, liema hsara ma tkunx tiskorri l- mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47), imma jkun izjed minn tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29);

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat <u>Samah Yousef Hassan</u>;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat Samah Yousef Hassan sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Samah Yousef Hassan rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat,

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat Samah Yousef Hassan.

Illi l-fatti li ghandha quddiemha l-Qorti fil-kaz odjern huma li fil-bidu tal-istqarrija tieghu dokument ET 5 a fol. 7 tal-process l-imputat cahad li kien involut. Izda wara l-imputat ammetta mal-Pulizija illi, flimkien ma' l-imputat l-iehor, kien dahal fil-gnien tar-residenza u fi kliemu stess fl-istqarrija tieghu a fol. 8 tal-process l-imputat jghid: "*Dhalna biex nidhlu*[1] *u qtajna l-laring minn gol-gnien*". Minn hawn jirrizulta car li l-intenzjoni tal-imputati mill-bidu nett kienet illi jidhlu fir-residenza. L-imputat jkompli jghid aktar l-isfel fl-istess fol. 8 tal-process fuq id-domandi tal-Ispettur:

"*M. Nghidlek sew li int u siehbek pruvajtu tidhlu gewwa biex tisirqu?*
*T. All right.*
*M. Xi tfisser all right?*
*T. Iva pruvajna nidhlu imma ma dhalniex.*
*M. X'kontu bi hsiebkom tiehdu minn gew?*
*T. Mhux li nsib, l-ewwel ridt nara ma nafx x'kien hemm gewwa.*
*M. Kemm il-darba mortu hemm fuq il-post?*
*T. Morna darbtejn*[2]*, l-ewwel morna biex niehdu l-laring imbaghad xi nofs siegha wara*[3] *dhalna biex nidhlu gewwa.*"

---

[1] Enfasi tal-Qorti.
[2] Enfasi tal-Qorti

Minn hawn tirrizulta car ghat-tieni darba l-intenzjoni tal-imputat li, flimkien ma' siehbu, jidhlu jisirqu mir-residenza in kwistjoni. Illi fil-fatt l-imputati ma wettqux ir-reat biss ghar-raguni li dak il-hin kien hemm tnejn minn nies fir-residenza li x'hin semghu t-tahbit u ndunaw li kien hemm xi hadd qed jipprova jidhol fid-dar, cemplu lill-Pulizija ghall-ghajnuna.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi minkejja l-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija u li l-fedina penali tieghu hi netta, il-Qorti thoss illi la l-imputat ma kienx kapaci jiddezisti mill-intenzjoni tieghu li jidhol jisraq ghalkemm wara li seraq il-laring telaq minn fuq il-post, (kieku waqaf hemm is-sitwazzjoni kienet tkun differenti), izda nofs siegha wara rega' rritorna biex ikompli l-pjan li kellu f'mohhu li jidhol jisraq ukoll mir-residenza, izda kien biss minhabba cirkostanzi accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu li ma rnexxilux, il-piena ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 31, 41 (1) (a), 261, 263, 264, 267, 269, 278, 279, 280, 325 (1) (c) u 330 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Samah Yousef Hassan hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah erbgha u ghoxrin xahar prigunerija effettivi.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat Eyman Abulas Mohammed;

---

[3] Enfasi tal-Qorti

Tat zmien ragonevoli lill-imputat Eyman Abulas Mohammed sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Eyman Abulas Mohammed rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Illi l-fatti li ghandha quddiemha l-Qorti fil-kaz odjern huma li fil-bidu tal-istqarrija tieghu dokument ET 7 a fol. 12 tal-process l-imputat cahad li kien involut. Izda wara l-imputat ammetta mal-Pulizija illi, flimkien ma' l-imputat l-iehor, dahal fil-gnien tar-residenza fi kliemu stess fl-istqarrija tieghu a fol. 12 tal-process l-imputat jghid:
"*M. Nghidlek sew illi siehbek Semeh Yousef Hassan qed jghid illi dhaltu hemm biex tisirqu, veru dan?*
*T. Iva. Ha nghidlek il-verita, l-ewwel dhalna biex naqtghu xi laring, imbaghad ahna qghadna nieklu l-laring hdejn is-sigar, it-tnejn li ahna hsibna biex nidhlu ha naraw xi haga minn hemm gew, jien u l-iehor*

*morna ghal bieb u kien hemm injama fil-gnien u pruvajna nifthu l-bieb biha.*

*M. Kemm il-daqqa tajtuh il-bieb?*

*T. Nahseb li tnejn.*

*M. X'kontu be hsiebkom tisirqu minn hemm gew?*

*T. Lanqas naf.*

*M. Taf li ghamiltu hsara f'dak il-bieb?*

*T. Iva.*

Minn din l-istqarrija tirrizulta car l-intenzjoni tal-imputat li, flimkien ma' siehbu, jidhlu jisirqu mir-residenza in kwistjoni, u dan f'zewg istanzi differenti u cioe' l-ewwel meta qatghu l-laring mill-gnien u t-tieni meta marru jippruvaw jidhlu fir-residenza. Illi fil-fatt l-imputati ma wettqux ir-reat biss ghar-raguni li dak il-hin kien hemm tnejn minn nies fir-residenza li x'hin semghu t-tahbit u ndunaw li kien hemm xi hadd qed jipprova jidhol fid-dar, cemplu lill-Pulizija ghall-ghajnuna.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi minkejja l-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija u li l-fedina penali tieghu hi netta, il-Qorti thoss illi la l-imputat ma kienx kapaci jiddezisti mill-intenzjoni tieghu li jidhol jisraq u dan f'zewg istanzi differenti, izda kien biss minhabba cirkostanzi accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu li ma rnexxilux, il-piena ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 31, 41 (1) (a), 261, 263, 264, 267, 269, 278, 279, 280, 325 (1) (c) u 330 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Eyman Abulas Mohammed hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah erbgha u ghoxrin xahar prigunerija effettivi.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

Stante li l-Prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz kontra l-imputati ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja, tordna li l-atti jintbghatu lill-Avukat Generali fi zmien li trid il-ligi.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur